II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1/2014

tat-28 ta' Awwissu 2013

li jistabbilixxi l-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 207 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 10(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 (ir-Regolament SPĠ) jistabbilixxi kriterji speċifiċi ta' eliġibbiltà għall-għoti ta' preferenzi tariffarji skont l-arranġament ta' inċentiv speċjali għal żvilupp sostenibbli u governanza tajba (SPĠ+) lill-pajjiż li qed jagħmel it-talba. Għal dan l-għan, il-pajjiż għandu jitqies bħala vulnerabbli. Huwa għandu jkun irratifika l-konvenzjonijiet kollha elenkati fl-Anness VIII tar-Regolament SPĠ u l-konklużjonijiet disponibbli l-aktar riċenti tal-entitajiet ta' monitoraġġ rilevanti ma jidentifikawx nuqqas serju biex jimplimentaw b'mod effettiv kull waħda minn dawk il-konvenzjonijiet. Fir-rigward ta' kwalunkwe konvenzjoni, ma kellux jifformula riżerva li tkun ipprojbita minn dik il-konvenzjoni jew li għall-finijiet esklussivi tal-Artikolu 9 tar-Regolament SPĠ, titqies inkompatibbli mal-għan u l-fini ta' dik il-konvenzjoni. Għandu jaċċetta mingħajr riżerva l-obbligi ta' rapportar imposti minn kull konvenzjoni u jagħti l-impenji obbligatorji msemmijin fil-punti (d), (e) u (f) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament SPĠ.

([1]) ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1.

(2) Kull pajjiż li jagħmel it-talba li jixtieq jibbenefika mill-SPĠ + kellu jissottometti talba akkumpanjata b'informazzjoni komprensiva li tikkonċerna r-ratifika tal-konvenzjonijiet rilevanti, ir-riżervi tiegħu u l-oġġezzjonijiet għal dawn ir-riżervi magħmula minn partijiet oħra għall-konvenzjoni u l-impenji obbligatorji tiegħu.

(3) Il-Kummissjoni rċeviet talbiet mingħand l-Armenja, il-Bolivja, il-Kap Verde, il-Kosta Rika, l-Ekwador, il-Ġeorġja, il-Mongolja, il-Pakistan, il-Paragwaj u l-Perù.

(4) Il-Kummissjoni ngħatat is-setgħa tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 290 tat-TFUE biex tistabbilixxi l-Anness III biex jingħata l-SPĠ + billi jiżdied il-pajjiż li qed jagħmel it-talba mal-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-SPĠ+.

(5) Il-Kummissjoni eżaminat it-talbiet magħmula skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 10(1) tar-Regolament SPĠ, u stabbiliet il-lista ta' pajjiżi benefiċjarji tal-SPĠ + li jissodisfaw il-kriterji rilevanti. Għaldaqstant, l-SPĠ + għandu jingħata lil dawn il-pajjiżi mill-1 ta' Jannar 2014,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness III tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 huwa stabbilit kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Awwissu 2013.

Għall-Kummissjoni
Il-President
José Manuel BARROSO

ANNESS

"ANNESS III

Pajjiżi benefiċjarji [1] tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2)

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ esterna tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B
AM	L-Armenja
BO	Il-Bolivja
CR	Il-Kosta Rika
CV	Il-Kap Verde
KE	L-Ekwador
GE	Il-Ġeorġja
MN	Il-Mongolja
PE	Il-Perù
PK	Il-Pakistan
PY	Il-Paragwaj

Pajjiżi benefiċjarji tal-arranġament ta' inċentiv speċjali għall-iżvilupp sostenibbli u governanza tajba msemmijin fil-punt (b) tal-Artikolu 1(2) li ġew irtirati temporanjament minn dak l-arranġament, fir-rigward tal-prodotti kollha jew ta' ċerti prodotti li joriġinaw f'dawn il-pajjiżi

Kolonna A: kodiċi alfabetiku, skont in-nomenklatura tal-pajjiżi u t-territorji għall-istatistika tal-kummerċ esterna tal-Unjoni

Kolonna B: isem

A	B

[1] Din il-lista tinkludi pajjiżi li l-preferenzi għalihom setgħu kienu rtirati jew sospiżi temporanjament. Il-Kummissjoni jew l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż ikkonċernat se jkunu jistgħu jipprovdu lista aġġornata."